# MANIFESTAZZJONIJIET NAZZJONALI FIL-FURJANA FIS-SEKLU XX



*Miġbura minn Anthony Piscopo*

Il-wesgħat li tinsab imdawra bihom il-Furjana jagħmluha bħala post privileġġjat u importanti aktar minn postijiet oħra fi gżiritna biex fiha tilqa' l-massa tal-poplu Malti u Għawdxi, poplu li jkun min ikun li jsejjaħlu kont taraħ ġej bi ħġaru kif kemm-il darba aħna l-Furjaniżi li noqogħdu fis-subborg rajnieh ġej tul is-seklu XX.

Pjazza San Publju li għall-attivitajiet reliġjużi tistħajjilha l-Pjazza tal-Vatikan mhux dejjem wesgħet il-massa tal-poplu u allura n-nies kienet tinfirex mat-toroq ta' madwar. Fil-Pjazza San Publju saru ġrajjiet kbar bħal ma saru wkoll fix-Xagħra, illum l-Arena ta' l-Indipendenza. F'kitbieti l-qarrej mhux ser isib l-għadd ta' "meetings" u attivitajiet oħra politiċi li saru fil-Furjana. Lanqas ir- 'rallies', parati tas-Servizzi, logħob tal-ballum u serati rekreattivi ta' kull xorta li għalihom ġibdu kemm felħu l-poplu ta' gżiritna. F'dawn l-avvenimenti hemm dawk biss li l-għajta tagħhom kienet dik Nazzjonali kemm reliġjużi kif ukoll ċivili.
Sa l-ewwel ħames manfestazzjonijiet li ser insemmi, ser nirrakuntahom minn kif ħalliethom l-istorja miktuba kemm f'kotba, rivisti, gazzetti u lapidi minquxa jew kif uħud minnhom jinsabu miktuba fid-Djarju Furjaniż tiegħi kif kien irrakuntahomli missieri jew xi anzjan li kont noqgħod fuqu għax saru qabel twelidt jien.
Fis-sitt manifestazzjoni kelli biss għaxar xhur, f'waqt li fis-seba' waħda kelli erba' snin u seba' xhur u dak li kont rajt fil-Pjazza San Publju f'dik l-età tenera baqa' impressjonat f'moħħi li meta naslu fir-rakkont ngħidilkom x' għadni niftakar minn dik il-ġrajja.
Mit-tmien manifestazzjoni li niltaqgħu magħha fl-1944, allura kelli xi ħaġa fuq id-disa' snin sa' l-aħħar waħda tas-seklu l-31 ta' Diċembru 1999 b'xi mod jew ieħor kont preżenti għal manifestazzjonijiet li ser insemmi, għalkemm ma nqastx li nikkunsulta bħal wieħed biex jiffriska l-memorja.

## 1913
## IL-KUNGRESS EWKARISTIKU INTERNAZZJONALI



Il-wasla tal-Kardinal fejn il-Knisja ta' Sarria

Nistgħu ngħidu li dan il-Kungress Ewkaristiku kien fetaħ era ġdida billi beda jġib il-massa tal-poplu lejn il-Furjana. Dan il-Kungress kien mifrux fuq ħamest ijiem u kien infetaħ fit-23 ta' April mill-Kardinal Domenico Ferrata, Legat tal-Papa San Piju X.
Meta l-Kardinal wasal Malta, mad-dwana tellgħuh b'karozzella miġbuda b'erba' żwiemel sa quddiem il-Knisja ta' Sarria l-Furjana fejn kien iltaqa' ma' l-Isqof Pietru Pawl Pace u minn hemm fost folla mmensa ttieħdu fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt u l-Kardinal iddikjara l-Kungress miftuħ.
Fit-28 ta' April fit-tlieta u nofs ta' wara nofs inhar kienet ħarġet purċissjoni solenni u grandjuża bis-SS.mu Sagrament mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann li għaddiet mit-toroq tal-Belt u tal-

Furjana li tant ħadu sehem jakkumpanjaw fiha li l-Kardinal Ferrata wasal fuq it-Tribuna li kienet armata f'tarf il-Biskuttin (faċċata ta' fejn illum hemm il-monument ta' l-Indipendenza f'ras il-ġnien tal-Mall) fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija u għalaq il-Kungress bil-Barka Sagramentali.
Fil-Furjana bħala tifkira ta' dan il-Kungress hemm il-monument ta' Kristu Re u l-istatwa tal-ġebel ta' San Publju li hemm maz-zuntier tal-Knisja Arċipretali li mal-pedistall tagħha hemm lapida li tfakkar dan l-avveniment.

## 1924

## ID-DRIEGĦ TA' SAN FRANĠISK SAVERJU

San Franġisk Saverju l-ewwel Missjunarju Ġiżwita miet fit-3 ta' Diċembru 1552. Id-driegħ tiegħu tal-lemin kieñet ittieħdet Ruma fl-1616 fejn għadha sa llum meqjuma fil-Knisja ta' Ġesù. Inżerta li din ir-relikwa tad-driegħ ta' San Franġisk Saverju, kienet ittieħdet fi Sqallija u l-Isqof ta' Malta, l-Furjaniż Dom Mauro Caruana ħa l-okkażjoni jitlob biex din ir-relikwa tinġieb Malta kif fil-fatt inġiebet fiis-26 ta' Mejju 1924. Din ir-relikwa kienet ittieħdet f'diversi postijiet ta' Malta u Għawdex.
Kieñ il-Ħadd, l-ewwel ta' Ġunju meta din ir-relikwa inġiebet fil-Pjazza San Publju fejn in-nies bi ħġarha mliet il-pjazza kif imliet ukoll it-toroq tal-Belt meta r-relikwa rritornat fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.
Il-Komunità INdjana f'Malta, bħala tifkira ta' din il-miġja tad-driegħ kienu waqfu statwa ta' dan il-Qaddis fil-viċinanzi tal-H.Q. ta' l-Iscouts fil-Furjana li fl-aħħar Gwerra Dinjija kien ġralha ħafna ħsara u l-Kunsill Lokali tal-Furjana qed jieħu ħsieb jirrestawraha biex la titlesta terġa' tipoġġa qrib fejn kienet qabel fil-gwerra.



Biex tibqa' mfakkra din l-okkażjoni twaqqfet statwa ta' l-istess qaddis fuq il-bieb tal-H.Q. ta' l-iscouts

## 1926

## L-EWWEL FESTA TA' KRISTU RE

Kien il-Papa Piju XI fis-Sena Mqaddsa 1925 li fuq talba tad-Diretturi ta' l-Appostolat tat-talb imxerrda mill-Ġiżwiti mad-Dinja kollha kien waqqaf il-festa ta' Kristu Re.
Fis-sena ta' wara, allura fis-sena 1926 bħala Direttur ta' dan l-Appostolat kien Patri Ġużeppi Meilaq li kien fil-Komunità tad-Dar ta' Sarria l-Furjana li mill-ewwel waqqaf din il-festa fi gżiritna.
Din il-festa skond ix-xewqa tal-Papa msemmi bdiet issir f'kull l-aħħar Ħadd ta' Ottubru.
Il-monument ta' Kristu Re li diġa' semmejt li kien twaqqaf biex ifakkar l-Kungress





Internazzjonali 1913 kien iċ-ċentru ta' din il-festa ta' Kristu Sultan. F'lejlet din il-festa, l-Għaqdiet Reliġjużi u Ċivili kienu jiksu l-pedistall tal-monument b'kuruni waħda isbaħ mill-oħra u l-għada l-Ħadd jum il-festa kien jibda Korteo minn quddiem Kastilja għat-toroq tal-Belt jgħaddu minn quddiem il-monument u jibqa' sejjer għal Pjazza San Publju fejn issir il-manifestazzjoni. Jekk jien li qed nikteb din l-ewwel festa ma lħaqthiex dawk li ġew aktar snin warajha segwejthom żgur għax flimkien ma' oħrajn konna ngħinu t-tieni Direttur Patri Grazio Magro fid-dekorazzjoni tat-Tribuna.



Waħda mid-diversi festi ta' Kristu Re

Maż-żmien dan il-korteo inqata' mill-Furjana u kien isir ġol-Belt u jispiċċa fil-Pjazza ta' quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

F'dawn l-aħħar snin din il-manifestazzjoni qed issir fi bliet u rħula differenti ta' gżiritna.

## 1931
## IL-ĦMISTAX-IL ĊENTINARJU TA' SANTU WISTIN



Lapida kommemorattiva li tinsab fil-portiku tal-knisja tagħna

Il-Komunità tal-Patrijiet Agostinjani f'April 1931, fakkru għeluq il-ħmistax-il Ċentinarju mill-mewt ta' Santu Wistin b'għadd ta' Konferenzi fil-parroċċi ta' gżiritna fuq it-tagħlim ta Santu Wistin.

Fil-Knisja ta' Santu Wistin tal-Belt, dak iż-żmien kienet għadha mhix parroċċa, kienu saru festi kbar.

Iżda l-qofol ta' dan iċ-Ċentinarju kien sar fil-Pjazza San Publju meta mill-imsemmija knisja kienet inħarġet purċissjoi solenni bis-SSmu Sagrament immexxija mill-Isqof Dom Mauro Caruana u minn fuq it-Tribuna ta l-Barka Sagramentali.

Taħt il-portiku tal-Knisja Arċipretali ta' San Publju hemm lapida li tfakkar dan iċ-Ċentinarju.

## 1931
## L-INKORONAZZJONI TAL-MADONNA TA' DAMASCENA

Fil-25 ta' Ottubru 1931, il-Knisja Kattolika fakkret il-ħmistax-il ċentinarju ta' meta Marija Santissima ġiet ipproklamata bħala domma tal-fidi Omm Alla fil-konċilju ta' Efeso, 431 A.D.

F'din l-okkażjoni l-Arċisqof Dom Mauro Caruana fil-Pjazza San Publju kien inkorona x-Xbieha tal-Madonna Damascena li kienet inġiebet proċessjalment mill-Knisja tal-Griegi tal-

Belt merfugħa minn erba' papassijiet, quddiem folla enormi ta' nies li kienet attendiet bi ħġarha għal din l-inkoronazzjoni.
Din ix-xbieha nkoronata tinsab fil-Knisja tal-Griegi fi Triq l-Arċisqof il-Belt.
Taħt il-portiku tal-Knisja Arċipretali tal-Furjana, hemm lapida li tfakkar din l-avveniment.


Il-kwadru bix-xbiha mirakoluża

## 1935

### KONSAGRAZZJONI TA' MALTA LILL-QALB TA' ĠESU'


Tfal ixejru l-bnadar
Ix-xena li baqgħet stampata f'moħħ il-kittieb

Kien ilu l-poplu Malti juri xewqtu li Malta għandha tiġi kkonsagrata lill-Qalb ta' Ġesù. Infatti kienu ħafna dawk li ġabru firem u ressquhom quddiem l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u li dawn fl-aħħar ddeċidew li jilqgħu din ix-xewqa tal-poplu.
Inżerta li f'Malta kien hawn il-Kardinal Alessio M. Lepicier bħala Delegat tal-Papa biex imexxi l-Konċilju Reġjonali Malti u fis-16 ta' Ġunju 1935 ittieħdet din l-okkażjoni u quddiem il-poplu li mela l-Fosos il-Kardinal Lepicier ikkonsagra solenniment il-gżira Maltija lill-Qalb ta' Ġesù.

## 1939

### L-EWWEL KUNGRESS DJOĊESAN MALTI

Ta' erba' snin u seba' xhur għadha ċara quddiem għajnejja meta missieri lil ħija (sena akbar minni) u lili kien ħadna fuq il-Fosos fejn assistejna għal xena ta' ħafna tfal ixejru l-bnadar li kellhom f'idejhom.
Meta kbirt u bdejt ninteressa ruħi f'dak kollu li jsir f'subborg twelidi kienu fissruli x'kienet dik l-okkażjoni ta' tfuliti jew aħjar ta' ċkuniti u proprju f'waqt li qiegħed insemmi dawn il-manifestazzjonijiet, quddiemi għandi ktieb miktub b'ortografija kif kienu jiktbu l-Malti f'dawk iż-żminijiet:


Il-wasla tal-Kardinal quddiem il-knisja

"LEWWEL CONGRESS EUCARISTICU DIOCESAN MALTI APRIL 1939" li fih



ħafna ritratti fosthom dik ta' ċkuniti ta' tfal ixejru l-bnadar mdawra mat-Tribuna.
F'dan il-Kungress minbarra din il-manifestazzjoni tal-Quddiesa tat-tfal miġbura minn Malta Kollha li kienet saret fid-29 ta' Aril 1939, l-għada l-Ħadd kien sar l-għeluq tal-Kungress b'purċissjoni solenni bis-SS.mu Sagrament li minn Kastilja kienet għaddiet mit-toroq ewlenin tal-Belt għal fuq il-Fosos tal-Furjana u minn fuq it-Tribuna ngħatat il-Barka Sagramentali minn idejn Mons. Mikiel Gonzi dak iż-żmien Isqof ta' Għawdex

## 1944
## IL-KURĊIFISS MIRAKOLUŻ TA' ĠIEŻU



Fi żmien l-aħħar Gwerra Dinjija meta ċerti postijiet b'ħidma ta' l-għadu kienu saru ħerba waħda, il-Kappillani u l-Arċiprieti biex jibżgħu għat-teżori bħal ma huma xi statwi li kellhom fil-knejjes kienu bagħtuhom għall-kenn fi mkejjen oħra fejn il-gwerra ma kinetx tinħass qawwija f'dawk l-inħawi. Hekk kien għamel l-Arċipriet tal-Furjana Dun Angelo Ghigo meta l-istatwa ta' San Publju wara li fit-28 ta' April 1942 il-knisja ntlaqtet fil-gwerra, bagħatha għall-kenn fil-Knisja Arċipretali tan-Naxxar.
Xhieda ta' dan wara ħamsa u ħamsin sena fit-28 ta' April 1977 ġiet inawgurata lapida magħmula mill-Furjaniżi fis-sagristija tal-Knisja tan-Naxxar.
Ġrajja bħal din ta' statwi li jittieħdu f'postijiet għall-kenn fil-gwerra kienu għamluha wkoll il-Patrijiet ta' Ġieżu l-Belt, meta l-Kurċifiss Mirakoluż kienu ħaduh fil-gżira Għawdxija.
Meta l-gwerra kienet waslet fit-tmiem tagħha u kollox kien jidher kwiet fit-23 ta' Marzu 1944 dan il-Kurċifiss kienu ġabuh fil-Knisja tal-Furjana fil-Kappella tan-Nazzarenu li tiġi taħt il-kampnar tal-lemin minħabba li fil-knisja kien qed isir xogħol ta' rikostruzzjoni u l-Ħadd ta' wara fis-26 ta' Marzu kien ittieħed fil-Knisja ta' Sarria u minn hemm l-Isqof Galea mexxa pellegrinaġġ għall-Knisja ta' Ġieżu l-Belt.
Għalkemm dan l-avveniment ma kellux appell Nazzjonali in-nies kienet ġiet bi ħġarha u qed ninkludih f'dawn il-manifestazzjonijiet minħabba ġrajja li ma nixtieqx li tintesa.
Dak iż-żmien jien kelli xi ħaġa fuq id-disa' snin u meta tkun żgħir, aktar timpressjona ruħek.
Il-pellegrinaġġ minn quddiem il-knisja ta' Sarria mexa fi bnazzi taqtgħu b'sikkina meta f'daqqa waħda nfetħu bibien is-sema u faqqgħet maltempata kbira bir-ragħad u s-sajjetti u l-kurċifiss ġrew bih u daħħluh fin-Nazzarenu fejn kien qabel meta kienu ġabuh minn Għawdex.
Meta l-maltempata għaddiet il-pellegrinaġġ immexxi mill-Isqof Galea reġa' qabad triqtu lejn il-Knisja ta' Ġieżu, iżda hekk kif tfaċċa fil-bieb tan-Nazzarenu l-Kurċifiss f'sema ċar u bnazzi bdiet nieżla borra rqiqa fost l-iskantament ta' kull minn kien preżenti.





## 1944

### ID-DRIEGĦ TA' SAN PAWL

Il-Parroċċa tal-Furjana twaqqfet fl-1844 u mitt sena wara fl-1944 il-Furjaniżi kienu ħerqana li jiċċelebraw l-ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa, iżda minħabba li fit-28 ta' April il-knisja ta' San Publju ġarrbet ħafna ħsarat u x-xogħol ta' rikostruzzjoni kien għadu mhux lest dan iċ-Ċentinarju tħalla għas-sena ta' wara għall-festa ta' San Publju fil-15 ta' April 1945.

Proprju xahar wara, fil-15 ta' Mejju kien sar pellegrinaġġ bid-driegħ mirakoluża ta' l-Appostlu Missierna San Pawl mill-Knisja tiegħu tal-Belt għal dik ta' San Publju l-Furjana bħala radd il-ħajr ta' tmiem il-gwerra ġimgħa qabel. Il-poplu Malti bi ħġaru ħa sehem f'dan il-pellegrinaġġ.



Il-pellegrinaġġ bid-Driegħ ta' Sam Pawl minn Putirjal

## 1946

### IX-XEDAQ TA' SANT' ANTNIN

Jekk id-devozzjoni ta' Sant' Antnin ta' Padova kienet għadha qawwija sa tmiem dan is-seklu, aħseb u ara kemm kienet akbar f'nofs is-seklu meta nġiebet fostna ir-relikwa tiegħu fl-1946.

Fil-Furjana din ir-relikwa ta' dan it-Tawmaturgu nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 1946 kienet inġiebet minn Patri Bonaventura Fiorini għall-quddiesa tat-tfal fuq il-Fosos u s-Sibt 9 ta' Novembru 1946 fix-Xagħra (illum l-Arena ta' l-Indipendenza) għal-laqgħa tal-morda, laqgħa verament kommoventi li l-Arena kienet inbidlet fi Sptar sħiħ bl-Isqof Galea jbierek bir-relikwa is-seba' mitt marid u diżibilitati li kellu quddiemu.



L-Isqof Emmanuel Galea bir-Relikwa jbierek lill-morda

Dik inhar wara nofs inhar fix-Xagħra kien hemm xmara ta' dmugħ meta quddiemna kellna l-gwaj kollu tad-dinja jistenna xi ħaġa ta' fejqan minn dan il-Qaddis tal-Mirakli.



## 1948
## L-INKORONAZZJONI TAL-MADONNA TAS-SAHHA



Minbarra ix-xena tat-Tribuna tispikka l-knisja waqt ix-xogħol ta' rikostruzzjoni

Il-Madonna nsibuha meqjuma taħt diversi titoli u bla dubju taħt dan tas-saħħa għandha warajha devoti bla għadd, għax is-saħħa jixtieqha u jridha kulħadd. Min jaf kemm qlub imbikkma rrikorrew lejHa u Hi mis-sema semgħathom u kisbitilhom il-fejqan.
Din id-devozzjoni l-Maltin u l-Għawdxin wrewha meta bi ħġarhom kienu mlew il-Fosos għall-Inkoronazzjoni ta' din ix-xbieha.
Kien is-Sibt 3 ta' April 1948 u l-kwadru tax-xbieha tagħha li jinsab meqjum fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tar-Rabat inġieb għand ħuthom il-Patrijiet ta' San Franġisk magħrufa b'ta' Purturja li hemm fi Triq ir-Repubblika. Minn hemm l-għada filgħodu l-Ħadd il-kwadru tax-xbiha kien inġieb fuq it-Tribuna li kienet armata quddiem il-faċċata tal-Knisja Arċipretali fejn l-Arċisqof Gonzi wara li ċċelebra quddiesa pontifikali inkorona x-xbieha.
Wara l-funzjoni l-kwadru ddaħħal fil-Knisja u wara nofs inhar ittieħed b' 'Carcade' mid-devoti tagħha lejn il-knisja tar-Rabat.
Xhieda ta' dan l-avveniment hemm lapida taħt il-portiku tal-Knisja Arċipretali ta' San Publju.

## 1949
## KUNGRESS MARJAN NAZZJONALI

Fl-introduzzjoni ta' dan ir-rakkont, jien ktibt li fl-ewwel seba' manifestazzjonijiet fl-ewwel ħamsa ma kontx neżisti u fit-tnejn ta' warajhom kont żgħir, iżda f'dawk kollha li saru wara sa tmiem is-seklu b'xi mod jew ieħor kont preżenti wisq iżjed li minn mindu twelidt fil-Furjana fis-6 ta' Awissu 1934 bqajt noqgħod f'dan is-subborg.
B'dan irrid infisser li ma niżbaljax




Xena fil-Pjazza San Publju imdawla bix-xama 'Aux Flambeaux'



meta nghid li x-xena li konna rajna fil-Kungress Marjan bħalha għadna ma rajniex.
Sa minn kmieni fil-lejl tat-28 ta' Mejju 1949, il-poplu kien diġa beda jinġabar fuq il-Fosos f'waqt li eluf u eluf oħra kienu jidħru neżlin minn Kastilja għal Duke of York Avenue bix-xemgħa "aux flambeau" mixgħula f'idejhom, ħaġa li qatt ma konna għadna rajna bħalha fi gżiritna, biex jingħaqdu mal-folol kbar li kien hemm fuq il-Fosos.

## 1951
## IS-SEBA' ĊENTINARJU TAL-LABTU TAL-MADONNA TAL-KARMNU



L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu f'waħda min-navi fil-knisja

Xbihat tal-Madonna tal-Karmnu nsibuhom imxerrda f'bosta knejjes f'Malta kif ukoll f'Għawdex, iżda l-aktar waħda popolari u li għandha ħafna u ħafna devoti hi dik li hemm meqjuma fis-Santwarju Bażilika tal-Patrijiet Karmelitani tal-Belt li t-titular kien ġie inkoronat fl-1881. F'dan l-istess Santwarju hemm l-istatwa ferm devota taħt dan l-istess titlu.
Kien is-Sibt 30 ta' Ġunju 1951 meta fid-disgħa u nofs ta' filgħaxija mill-knisja Bażilika tal-Karmnu tal-Belt nħareġ korteo kompost minn Patrijiet, Saċerdoti, Sorijiet, Terzjarji nisa u rġiel u xmara ta' nies kollha bix-xemgħa (aux flambeaux) u warajhom l-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu li fuq il-Fosos waslet għall-ħabta ta' nofs il-lejl nieqes kwart.
F'nofs il-lejl, l-Arċisqof Gonzi ċċelebra quddiesa u wara l-Vanġelu kien għamel kelmtejn ferm kommoventi dwar l-iskapular tal-Madonna tal-Karmnu.
Wara l-funzjoni, allura diġa' kien il-Ħadd l-1 ta' Lulju, l-istatwa ddaħħlet fil-knisja Arċipretali ta' San Publju u filgħaxija kienet ittieħdet proċessjonalment fis-Santwarju tagħha l-Belt.
Din il-manifestazzjoni li baqgħet tissemma wkoll bħala 'LEJL KARMELITAN' tinsab imnaqqxa f'lapida taħt il-portiku tal-Knisja tal-Furjana.

## 1953
## L-INKORONAZZJONI TAR-REĠINA ELIŻABETTA II

Fil-bidu tas-seklu XX, l-antenati tagħna kienu laħqu l-inkoronazzjoni tar-Re Dwardu li kienet saret fit-2 ta' Lulju 1902. Iċ-ċelebrazzjonijiet kienu saru fil-Ġonna ta' l-Argotti u l-Mall fil-Furjana.
Tul il-medda ta' dan is-seklu kellna inkoronazzjonijiet oħra bl-aħħar waħda tar-Reġina Elizabetta II li f'Westminister Abbey l-inkoronazzjoni kienet saret fit-2 ta' Ġunju 1953.
Għalkemm għall- 'Coronation' f'Malta sar ħafna tiżjin f'każini u ħwienet u saru sfilati ta'

karrijiet iddekorati akkompanjati minn baned, fil-Furjana attività ta' għajta Nazzjonali kienet saret jumejn qabel fil-31 ta' Mejju meta l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien iċċelebra quddiesa fuq il-Fosos, għat-tfal kollha ta' gżiritna.



Il-Quddiesa mill-Arċisqof għall-okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II



## 1954

## IR-REĠINA F'MALTA




Il-wasla tar-Reġina fi Pjazza Sant' Anna

Fit-3 ta' Mejju 1954, l-għada tal-festa titulari ta' San Publju li tiġi ċċelebrata fil-Furjana, f'waqt li fi Pjazza Sant' Anna kien għad hemm il-plancier tal-Banda armat għall-festa u kienet ġiet ir-Reġina Eliżabetta II f'Malta il-Kunsill Ċiviku tal-Furjana ta' dak iż-żmien ħa l-okkażjoni biex permezz tal-Banda Vilhena, il-koppja Rjali tieqaf għat-tislima tal- 'God Save the Queen'u tingħata bukkett fjuri f'isem il-Furjaniżi.

Ir-Reġina akkompanjata minn żewġha Philip d-Duka ta' Edinburgh kienet reġgħet ġiet il-Furjana u fil-Ġnien tal-papri kienet inawgurat il-monument ta' l-



Il-koppja Rjai fuq il- 'Jeep' fil-Pjazza San Publju

Ajkla 'WAR MEMORIAL' li twaqqaf biex jibqa' jfakkar l-avvjaturi li tilfu ħajjithom fl-aħħar Gwerra Dinjija 1939-45.
Kif inemmet din iċ-ċerimonja, l-koppja rjali kienu nġiebu fuq il-Fosos fuq 'jeep' fejn ġew milqugħa b'entużjażmu sfrenat ta' għajat u tixjir ta'bnadar minn eluf ta' tfal li ġew minn kull rokna ta' Malta u Għawdex biex jilqgħu lill-Maestà Tagħha.
Filgħaxija fil-Furjana kien sar logħob tan-nar u l-għada 4 ta' Mejju folol ta' nies attendew bi ħġarhom għall-parata fil-Parade Ground (l-Arena ta' l-Indipendenza), li kienet ġiet spezzjonata mir-Reġina.

## 1954

## L-INKORONAZZJONI TAL-MADONNA TA' CARAFFA



Biex jitfakkar għeluq il-ħamsin sena meta l-Papa Piju IX kien ipproklama id-Domma ta' Marija Immakulata, il-Papa Piju XII kien iddikjara s-Sena 1954 bħala Sena Marjana. Tul is-sena ma naqsux iċ-ċelebrazzjonijiet fil-knejjes Maltin u Għawdxin, iżda l-qofol tagħhom kien l-għeluq fuq il-Fosos meta fil-31 ta' Ottubru, 1954, l-Arċisqof Gonzi kien inkorona x-Xbieha tal-Madonna ta' Caraffa kif tgħid il-lapida li għandna taħt il-portiku tal-knisja tagħna. Dan il-kwadru b'din ix-xbieha ta' Caraffa jinsab meqjum fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fil-kappella tas-Sagrament.
Sas-snin 90, fil-festa tal-Kinċizzjoni fit-8 ta' Diċembru kull sena dan il-kwadru kien jinħareġ proċessjonalment mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann għall-Knisja ta' Sarria l-Furjana bħal wegħda meta f'Malta fl-1675 kien hawn il-marda qerrieda tal-pesta. Din il-purċissjoni minħabba d-diffikultà tat-traffiku daż-żmien qed issir mat-toroq prinċipali tal-Belt.

## 1957

## L-EWWEL FESTA TA' SAN ĠUŻEPP

Biex jgħolli d-dinjità tal-Ħadiem, il-Papa Piju XII kien iddikjara l-Jum ta' l-Ewwel ta' Mejju bħal festa ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem. Għal din l-okkażjoni fl-1 ta' Mejju 1967 kienet inġiebet fuq il-Fosos l-istatwa ta' San Ġużepp Ħaddiem tal-Parroċċa bl-istess isem li tinsab





f'Birkirkara fejn l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi kien mexxa l-funzjoni quddiem baħar ta' poplu. Maż-żmien din il-festa bdiet issir fil-Pjazza ta' quddiem il-Kon-Katidral u naqset mill-popolarità tagħha tant li llum sfumat fix-xejn.



L-istatwa ta' San Ġużepp waqt il-funzjoni

## 1957
## IĊ-ĊENTINARJU PAWLIN



L-istatwa ta' San Pawl ħierġa mill-knisja tagħna

Fil-31 ta' Jannar 1960, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi kien inawgura is-sena 1960 is-SENA ĊENTINARJA tal-Miġja ta' l-Appostlu Missierna San Pawl fi gżiritna.

Il-Furjana kif wieħed kien jistenna kellha tkun iċ-ċentru ta' dawn il-manifestazzjonijiet kif fil-fatt Malta bi ħġarha nġabret jew fl-Arena ta' l-Indipendenza, dak iż-żmien magħrufa bħala ix-Xagħra jew inkella fuq il-Fosos.

Fit-18 ta' Ġunju kien ġie inawgurat l-Istitut Kattoliku b'Wirja Pawlina ferm artistika b'konnessjoni ma' dan iċ-ċentinarju.

Il-Ħadd 3 ta' April fix-Xagħra saret Lejla ta' Talb quddiem ix-xbieha mirakoluża tal-Kurċifiss ta' Ġieżu.

Fit-23 ta' Lulju Malta bi ħġarha kienet ġiet fuq il-Fosos tassisti għax-xena tal-laqgħa taż-żewġ statwi dik ta' San Pawl li kienu ġabuha mill-Belt u dik ta' San Publju li ħarġuha mill-Knisja tal-Furjana u ż-żewġ statwi ltaqgħu fuq il-Fosos qisha l-laqgħa li kienet saret wara n-nawfraġju meta Pawlu ta' Tarsu fis-sena 60W.K. kien ġie milqugħ mill-Prinċep Publju f'Malta.



San Pawl u San Publju fost il-folla fil-Pjazza San Publju

Fil-11 ta' Lulju, l-Arċisqof Gonzi kien iċċelebra quddiesa għall-morda miġjuba quddiemu fuq il-Fosos u wieħed ma jridx jinsa jsemmi l-quddiesa li kienet iċċelebrata l-għada fl-istess post għat-tfal ta' Malta kollha.

Fl-24 ta' Lulju 1960 kienu saru l-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet fuq il-Fosos meta Malta bi ħġarha ġiet biex tisma' l-kelma tal-Papa Ġwanni XXIII ikellimna dirett minn fuq ir-Radio Vatikan, u jsellmilna bl-ilsien Malti: 'insellem minn qalbi l-poplu Malti u Għawdxi'.

## 1963
## L-INKORONAZZJONI TA' SAN ĠUŻEPP TAR-RABAT

Kienet ilha xewqa ta' l-Arċikonfraternità u tad-devoti ta' San Ġużepp tar-Rabat li l-istatwa ta' San Ġużepp, magħrufa b'San Ġużepp ix-Xiħ tiġi inkoronata.
Din l-istatwa fl-Ewwel ta' Mejju 1963 kienet inġiebet fuq trakk iddekorat mill-knisja ta' Ġieżu tar-Rabat għall-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt u minn hemm proċessjonalment għal fuq il-Fosos fejn l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi mexxa Pontifikal u wara inkorona din l-istatwa ta' San Ġużepp ix-Xiħ fost il-ferħ tal-popolin Rabti.
Għal din l-okkażjoni kien stmat li kienu attendew mal-mitt elf ruħ.


Waħda mid-diversi festi ta' Kristu Re

## 1963
## 50 SENA MILL-KUNGRESS EWKARISTIKU 1913

Nhar il-Ħadd 26 ta' Mejju 1963 kien għeluq iċ-ċelebrazzjonijiet li kienu saru biex jiġi mfakkar il-ħamsin sena mill-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali 1913. Mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann għadd kbir ta' Saċerdoti u Patrijiet flimkien mal-Kapitoli tal-Katidral u ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt imxew proċessjonalment għal fuq il-Fosos tal-Furjana.
Fuq quddiem akkompanjaw Fratelli tas-Sagrament mill-parroċċi kollha ta' Malta f'waqt li folla kbira ta' nies akkompanjaw is-SS.mu Sagrament li kien merfugħ mill-Isqof Galea. L-Arċisqof Gonzi akkompanja wara l-baldakkin. L-Arċisqof


Fi tmiem iċ-ċerimonja jidher l-Arċisqof Gonzi jagħti l-Barka Sagramentali





Gonzi b'dik il-vuċi soda tiegħu indrizza lill-poplu Malti b'dik it-tislima "Għeżież ħuti u maħbubin uliedi". Din it-tislima min jaf kemm-il darba smajnieha minn fommu tidwi f'din il-Pjazza meqjusa bħala l-Pjazza tal-Vatikan ta' Malta.
Wara l-Barka Sagramentali, l-Arċisqof intona t- 'Te Deum'.

## 1963
### WORLD'S CHILDREN'S DAY



Għall-okkażjoni tal-World Children's Day li twaqqfet bl-iskop li t-tfal ta' kull Nazzjon jiftakru f'xulxin, nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju 1963, 25,00 tifel u tifla mill-iskejjel Governattivi u privati nġabru kollha fuq il-Fosos tal-Furjana fejn attendew għall-Quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof Gonzi. Oriġinarjament din il-quddiesa kellha ssir fis-26 ta' Mejju 1963 f'għeluq il-ħamsin sena mill-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali 1913.

## 1964
### INDIPENDENZA TA' MALTA

Sa minn kmieni fil-lejla ta' l-20 ta' Settembru, 1964, ix-Xagħra tal-Furjana bdiet timtela bin-nies biex jassistu għal-Lejla Storika ta' l-Indipendenza.
Id-Duka ta' Edinburgh ir-raġel tar-Reġina Eliżabetta II ġie milqugħ b'applawsi kbar mill-eluf ta' nies kif kien ukoll milqugħ l-Arċisqof Gonzi meta bierek il-Bandiera Maltija. Il-Gvernatur Sir Maurice Dorman u l-Prim Ministru Dr. George Borg Olivier fost applawsi kbar mill-fola niżlu fejn l-arbli f'nofs ix-Xagħra u f'waqt li d-dawl kollu intefa nxtegħel spot fuq il-Bandiera Ngliża (Union Jack) u mat-tokki ta' l-arloġġ tal-Knisja Arċipretali tal-Furjana f'dik il-ħemda kbira ndaqq il-'God Save the Queen' u niżlet il-Bandiera Ngliża f'waqt li fl-arblu l-ieħor imdawwal bi spot-light ittellgħet il-Bandiera Maltija fost id-daqq ta' l- Innu Malti u ċ-ċapċip tal-poplu ta' Malta u Għawdex.
Minn dak il-ħin Malta saret Indipendenti u x-Xagħra ħadet l-isem ta' l-Arena ta' l-Indipendenza.



Fl-Arema ta' l-Indipendenza

Din il-manifestazzjoni storika kompliet bid-daqq tal-baned u logħob tan-nar. L-għada filgħodu l-21 ta' Settembru 'Jum l-Indipendenza' fl-istess Arena l-Arċisqof Gonzi ċċelebra quddiesa fejn għall-ewwel darba il-qari sar bil-lingwa Maltija u wara li d-Duka ppreżenta l-Għodda tal-Kostituzzjoni lill-Prim Ministru, tkanta t-Te Deum.
L-Arena ta' l-Indipendenza, l-għada t-22 ta' Settembru imtliet bit-tfal ta' Malta u Għawdex għal ċerimonja għalihom biex jibqgħu jiftakru f'dan il-Jum Storiku meta Malta saret Indipendenti.

## 1974

## IX-XBIHA MIRAKOLUŻA TAR-RENDENTUR TA' L-ISLA

Bħala parti mit-tħejjijiet djoċesana għas-Sena Mqaddsa (1975) imnidija mill-Papa Pawlu VI, ix-xbieha mirakoluża ta' Ġesù Redentur meqjuma fil-Bażilika ta' l-Isla f'Ħadd il-Palm, 7 ta' April 1974 kienet inġiebet fl-Arena ta' l-Indipendenza l-Furjana.
Id-devoti Tiegħu imlew l-Arena fejn ġew iqimuH.

**Ritratt Joseph Haber**



I-xbieha tar-Redentur fl-Arena ta' l-Indipendenza

## 1980

## FESTI MARJANI



Funzjoni li kienet saret fuq il-planċier tal-Banda li jintrama fil-Festa ta' San Publju

### LEJL NAZZJONALI MARJAN

L-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca fil-bidu ta' Jannar 1980 idikjara sitt xhur ta' talb għal qawmien spiritwali. Dan il-perjodu intemm fid-19 ta' Lulju, għalina l-Karmelitani u għall-Maltin kollha, fejn kien Jum tassew ta' ferħ u jum li ma jintesix. Dak inhar, l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, ġiet meħud f'pellegrinaġġ 'aux flambeaux' mis-Santwarju tal-Bażilika tal-Karmnu tal-Belt għal fuq il-fosos tal-Floriana. Eluf ta' nies imxe wara l-Madonna dak inhar. Kienet lejla tasse kommoventi, tara dawk in-nies kollha jakkumpanjaw lill-Madonna flimkien mar-ragħaj spiritwali ta' gżiritna u mijiet ta' saċerdoti u reliġjużi.
Sadanittant fuq il-fosos tal-Floriana, ġemgħa kbira ta' nies kienet qed tfaħħar lill-Madonna permezz tat-talb u innijiet waqt li tistenna bil-ħrara l-wasla tal-Madonna fuq il-fosos. Hekk kif il-korteo ingħaqad man-nies ta' fuq il-fosos, ferħ kbir deher fuq wiċċ kulħadd. Fuq il-fosos dak inhar kien ħuġġieġa waħda bix-xemgħat jixegħlu.
Wara l-wasla tal-Madonna saret konċelebrazzjoni minn 4 Isqfijiet: Mons. Ġużeppi Mercieca,





Arċisqof ta' Malta, Mons Mikiel Gonzi, Arċisqof Emeritus, Mons Emmanuel Gerada, Arċisqof u Mons. Isqof Majbanski Kazimienz (pollak).

Għal dan il-lejl Marjan flimkien mal-Provinċjal u r-reliġjużi Karmelitani ħadu sehem ukoll ħutna l-Karmelitani Skalzi, flimkien mal-Provinċjal tagħhom u għadd ġmielu ta' reliġjużi oħra ta' diversi ordnijiet kif ukoll saċerdoti djoċesani.

F'din l-okkażjoni infetħet is-sena festi ta' l-ewwel ċentinarju ta' l-Inkurunazzjoni (1881) f'Malta tax-xbieha mirakoluża tas-Santwarju Bażilika tal-Karmnu tal-Belt. L-istatwa tal-Karmnu ħarġet ureġġħet daħlet, jiġifieri wara ċ-ċelebrazzjoni fuq il-fosos reġgħet niżlet minn taħt il-Lukanda 'Phoenicia', Triq Marsamxett, Triq San Marku, Triq l-Ifran u Triq it-Teatru akkumpanjat minn eluf ta' nies. Il-vara devota tal-Madonna tal-Karmnu reġgħet daħlet fit-Tempju tagħha għall-ħabta tas-1.30 a.m.

Tagħrif miġbur minn P. Martin D. Schembri O. Carm.

## 1983

## KUNGRESS MARJAN



**Waqt il-konċelebrazzjoni mill-Kardinal Pappalardu**

Fis-17 ta' Settembru fuq il-Fosos tal-Furjana fuq tribuna armata fuq stil modern quddiem il-faċċata tal-knisja kif tidher fir-ritratt, il-Kardinal Salvatore Pappalardo mexxa konċelebrazzjoni bħala għeluq il-Kungress Marjan li kien ilu jsir b'attivitajiet Marjani tul is-sena.

Il-Kardinal figura ferm maħbuba fl-Italja, kien magħruf sew għall-ħidma tiegħu anti-Mafia u fl-erbat ijiem li qatta' f'Malta u Għawdex kien imdawwar b'sigurtà kbira mill-Pulizija.

Fil-ġurnata ta' qabel fi triqtu lejn il-Kon-Katidral ta' San Ġwann hu u għaddej mill-Furjana ġie milqugħ minn Monsinjur Salv Fenech, dak iż-żmien Arċipriet tal-Furjana. L-Eminenza tiegħu kien poġġa kuruna f'riġlejn il-Monument ta' Kristu Re.

## 1990

## IŻ-ŻJARA TAL-Q.T. IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

Għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Mejju 1990, Triq Sant' Anna l-Furjana kienet miżgħuda bin-nies li ġiew jingħaqdu mal-Furjanżi jistennew id-daħla tal-Papa Ġwanni Pawlu II fi triqtu lejn il-Kon-Katidral ta' San Ġwann għal-laqgħa li kellu mal-Kleru u r-Reliġjużi. F'din il-laqgħa l-Papa libes l-istolun li jintlibes mill-Arċipriet tal-Furjana kull sena f'jum il-festa titulari ta' San Publju.

Għalkemm il-Q.T., kelu bosta mpenjifiż-żjara qasira tiegħu madwar Malta u Għawdex, il-

qofol kienet il-Quddiesa Pontifikali li ċċelebra wara nofs inhar tas-27 ta' Mejju fit-tmiem taż-żjara tiegħu fuq il-Fosos fost eluf kbar ta' nies li attendew minn kull rokna ta' Malta u Għawdex.

Wara l-funzjoni l-poplu nfirex fi Triq Sant' Anna biex isellimlu għall-aħħar darba fi triqtu lejl l-ajruport ta' Malta.



Fi-Pjazza San Publju



# 1999

## IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET TA' TMIEM IS-SEKLU




Malta bħall-pajjiżi l-oħra tad-dinja, iċċelebrat għeluq tmiem is-Seklu XX b'diversi attivitajiet u ċelebrazzjonijiet mifruxa fil-Belt u l-Furjana.

Il-Ħadd filgħodu tas-26 ta' Diċembru 1999, minn quddiem Kastilja mexa Korteo għal Triq Merkanti, għadda minn Triq l-Arċisqof u minn Triq ir-Repubblika baqa' sejjer sa quddiem ta' Kristu Re.

Dan il-Korteo kien kompost minn tliet rappreżentanti ta' l-Għaqdiet Reliġjużi u Ċivili li lkoll kemm huma poġġew warda quddiem il-Monument.

Dik inhar stess filgħaxija bdew l-attivitajiet fl-Arena ta' l-Indipendenza li baqgħu sejrin għal sitt ijiem u li ntemmu fl-aħħar tas-sena 1999 u l-bidu tal-Millenju, l-ewwel tas-sena 2000.

Eluf kbar ta' nies attendew għall-ispettaklu ta' kant u żfin li kien koreografat bil-logħob tan-nar.

Ftit qabel nofs il-lejl il-miġemgħa semgħet lill-President ta' Malta, l-Prim Ministru u l-Arċisqof jagħmlu l-messaġġi tagħhom u mad-daqq ta' l-arloġġ tal-Knisja Arċipretali ta' San Publju, il-poplu nfexx f'entużjażmu kbir biex sellem lis-sena 1999 u fl-istess waqt kien laqa' bil-ferħ il-bidu tal-Millenju u s-sena 2000

***Nota tal-Kittieb***
***Jekk bi żvista qabżitli xi manifestazzjoni, inkun grat lejn min jiġbed l-attenzjoni billi jinforma 'l-Editur.***

Bazzi JOE'S GARAGE
Panel Beater - Joe Giusti Director
**In front of Water Corporation**
**Plot 12/13 Industrial Estate, Luqa - Tel: 21 244477 - Mobile: 9947 0674**